MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta tad-9 ta' Frar, 2006

Citazzjoni Numru. 1186/1999/1

**Reuben u Maria Tania konjuġi Briffa**

***Versus***

***Metallic Services Limited***

F’din il-kawża l-atturi qegħdin ifittxu għad-danni li ġarrbu meta s-soċjetà konvenuta ma wettqitx appalt skond ftehim bejn il-partijiet. It-talbiet ta’ l-atturi, l-eċċezzjonijiet tas-soċjetà konvenuta u l-fatti tal-każ huma miġjuba fis-sentenza li ngħatat fit-3 ta’ Marzu 2005[1]. F’dik is-sentenza l-qorti kienet qalet illi s-soċjetà konvenuta naqset milli tlesti x-xogħol li ntrabtet li tagħmel saż-żmien li bih intrabtet, u għalhekk għandha twieġeb għad-danni li ġarrbu l-atturi. Din is-sentenza tallum hija dwar il-likwidazzjoni tad-danni.

Fis-seduta tat-3 ta’ Marzu 2005 il-qorti kienet ordnat lill-atturi jippreżentaw prospett tad-danni; dan ġie preżentat

---
[1] *Foll*. 108.

fil-31 ta’ Mejju 2005. Fil-31 ta’ Mejju 2005 is-soċjetà konvenuta laqgħet in-notifika tal-prospett, u l-qorti tatha xahar żmien minn dakinhar biex tgħid tikkontestax il-*quantum*, b’dan illi, fin-nuqqas, il-qorti tifhem illi ma hemmx kontestazzjoni. Sallum baqgħet ma saret ebda kontestazzjoni u għalhekk il-qorti tifhem illi s-soċjetà konvenuta ma hijiex qiegħda tikkontesta l-*quantum* ta’ sitt elef u mitt lira (Lm6,100) pretiż mill-atturi.

Fin-nuqqas ta’ kontestazzjoni, għalhekk, il-qorti tillikwida d-danni li ġarrbu l-atturi fis-somma ta’ sitt elef u mitt lira (Lm6,100) u tikkundanna lis-soċjetà konvenuta tħallas lill-atturi d-danni hekk likwidati flimkien ma’ l-ispejjeż legali u ġudizzjarji mitluba fiċ-ċitazzjoni.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------